**ASSOCJAZZJONI SPORT MUTURI u KAROZZI**

# REGOLAMENTI
# AUTOCROSS SUPER CLASS

# OTTUBRU
# 2016

**www.asmk.org.mt**

# AUTOCROSS SUPER-CLASS REGULATIONS – 2016.

## Werrej


| | |
|---|---|
| Sezzjoni 1. | Magna |
| Sezzjoni 2. | Fuel Injection System |
| Sezzjoni 3. | Transmisson:- Clutch, Gearbox, Final Drive & Differential. |
| Sezzjoni 4. | Silencer, Inlet u Exhaust System |
| Sezzjoni 5. | Petrol Tank u Radiator. |
| Sezzjoni 6. | Main & Ignition Switch u Distributer |
| Sezzjoni 7. | Elettriku tal-Vettura |
| Sezzjoni 8. | Body tal-vettura u Rollcage: |
| Sezzjoni 9. | Safety Roll Cage |
| Sezzjoni 10. | Steering, Suspension u Brakes. |
| Sezzjoni 11. | Tyres u Roti |
| Sezzjoni 12. | Safety ghas-Sewwieq |
| Sezjoni 13. | OHRAJN Generali |

**Sezzjoni 1.**
**Magna**

1. 1 **Kull sewwieq** aktar minn 18 il-sena biss jista jiġi rreġistrat sewwieq f'din il-klassi. Is-sewwieq għandu jkun ukoll Membru/Sewwieq Irregistrat mal-ASMK f'dak li stagun.

1.2.1 **Magna**:- L-għażla tal-magna tal-vettura tista tkun skont ix-xewqa tas-sewwieq izda,

1.2.2 trid tkun magna li l-blokka tahha tkun tal-istess manifattur tal-vettura, Ezempju:- Vettura BMW jrid ikollha il-Blokka (Cylinder Block) tal-fabbrika BMW ghall karozzi.

1.2.3 Din il-Blokka (Cylinder Block) tista' tkun minn kwalunkwe mudell ta' vettura tal-istess manifattur ta' vettura (BMW).

1.2.4 Il-Kumplament tal-parts tal-magna jistghu jkunu ta' kwalinkwe maker iehor mhux l-originali.

1.2.5 tkun sa 1421cc cilindrata.

1.3.1 **Makna / Gearbox:-** Dawn iridu jibqghu fil-post originali taghhom, ie, Vettura FWD trid tibqa FWD u vettura Front Engine RWD trid tibqa b'din is-sistema. 4WD ma jistax jintuza.

1.3.2 Il-magna trid tibqa' tinstab fil-kompartiment oriġinali tal-magna.

1.4.1 Makni 'Normal Aspirated', bit-Turbo-charger u/jew Super-charger biss jistghu jintuzaw.'Nitrous Oxide' (NO2 / NOx) jew kull tip ta' 'Forced Induction' hlief dawk imsemmija hawn, mhux permessi.

1.4.2 Magni Normal Aspirated sa cilindrata ta' 1421 cc biss huma permessi f'din il-klassi.
Magni Turbo-charged u/jew Super-charged jistghu jkunu sa cilindrata sa 1015cc.
Ic-cilindrata ta' Magni Turbo-charged u/jew Super-charged ikollom ic-cilindrata totali multiplikata b'1.4 Ez. 1015cc x 1.4 = 1421cc. Fl-ebda kas ma jista jinqabes il-1421cc.

1.5 Kwalunkwe vetturi FWD jew RWD biss jistgħu jintużaw. 4WD ma jistawx jintuzaw.

1.6 Makni li ghandhom zewg Camshafts, cylinder head b'(4) valvi kull cilindru, VVT, Twin-Spark, Turbo-charged u Super-charged jistghu jintuzaw. Nota:- Magni Boxer u magni Vee jista jkollom zewg (2) camshafts fuq kull cylinder head u 4 valvi kull cilindru.

1.7 Magni ta' cilindrata Żgħira tista' tigber għal 1421cc iżda magna ikbar minn 1421cc ma tistax tiġi mcekkna għall-cilindrata ta' 1421cc.

1.8 Il-Magni għandhom ikunu ssiġillati mill-Uffiċjal ASMK i/c ghall dan il-ghan. Jekk l-ASMK tizgura li s-sigilli tal-magna ġew imbagħbsa (tampered with), is-sewwieq jigi ppenalizzat skond il-Lista ta Penali mill-ASMK.

1.9 L-ASMK tirriserva d-dritt li tispezzjona s-siġilli tal-magna u li tagħmel dan il-kontroll kull meta thoss il-htiega. Kull min jirrifjuta l-ispezzjoni jiġi ppenalizzat numru ta' tigrijiet u aktar.

1.10 Konfigurazzjoni ta vetturi b'żewġ magni fuq l-istess vettura mhumiex permessi.

1.11 Magni tal-Muturi ma jistgħux jintużaw.

1.12 Valve Timing Varjabbli (VVT), uzu ta karburatur/i jew Fuel injection huma permessi.

1.13 Tul varjabbli tal-Inlet manifolds (Variable Lenght Inlet Manifold - VLIM) jistgħu jintużaw.

1.14 Materjal Titanju huwa permess fil-partijiet tal-magna u l-gearbox.

1.15 Electric Water Pump hija permessa li tintuza.

1.16 Dry-Sump system tas-sistema taz-zejt tista tintuza. It-tank irid ikun protett milli johrog iz-zejt fil-kas li tinqaleb il-vettura

1.17.1 Distributor:- jista jitnehha jew jigi modifikat ma wiehed jew sistema elettronika.

1.17.2 Jista jitnehha kompletament u ssir sistema elettronika.

1.17.3 Din is-sistema elettronika tista' tinkludi sistema 'Launch Control'.

1.18 Cylinder Head : - Tista' tiġi mmodifikata, tkun ta' magna ohra u tkun sa b'4 valvi kull ċilindru.

1.19 Camshaft/s: - L-għażla hija libera.

1.20 Connecting Rods:- tal-Azzar jew materjal iehor jistgħu jintużaw.

1.21.1 Flywheel: - Materjal ta' din huwa liberu li jintuża, iżda dowel pins iridu jintużaw.

1.21.2 Dual-Mass Flywheel tista tintuza.

**Sezzjoni 2.**

**Fuel Injection System**

2.1 Tista' tintuza sistema Fuel Injection għall-iskop normali tal-hadma 9combustion) tal-magna biss.

2.2 Kwalunkwe magni jistgħu jkunu kkonvertiti ghall verzjoni bil-karburatur/i jew ghall verzjoni Petrol Injection. Din trid tkun sistema safe kontra n-nar u periklu iehor.

2.3 Il-Pajpijiet kollha tal-Fuel fis-sistemi Injection u/jew karburatur/i għandhom ikunu konformi ma' li Standards oriġinali u kwalita tal-materjal bhall tal- manifattur.

2.4 It-Throttle Cable bejn il-pedala u t-Throttle irid ikun ta kwalita tajba u jkollu Throttle Spring addizzjonali ma dik tal-fabbrika. Dan ma jghoddx f'ċerti sistemi kkontrollati mill-pedala tal- gass bl-ECU).

2.5 l-ECU, Injector/s tal-fuel u l-connectors tal-EFI huma liberi li jigu mmodifikati iżda jridu jkunu fuq li Standards tas-Safety.

2.6 Fuel Injection System kemm Single Point (SI) jew Multi-Point Injection (MPI) huma permessi.

2.7 Air filters huma rakkomandati li jintużaw fis-sistemi kollha tal-karburatur u/jew Injection.

2.8.1 It-Throttle system irid ikun jahdem safe kemm biek jinfetah u wkoll biex jinghalaq sew.

2.8.2 Dan irid ikollu molla addizzjonali barranija biex jinghalaq.

2.8.3 Il-vetturi mgħammra b'kontroll tat-throttle permezz ta pedala bl-elettronika huma eżenti minn dan ir-rekwiżit izda il-pedala jrid ikollha l-molla tar-ritorn.

2.9 Tista tuzah kwalnukwe tip ta' Fuel

**Sezzjoni 3.**

**Transmisson:- Clutch, Gearbox, Final Drive & Differential**.

3.1 Clutch u Pressure Plate:- Racing Clutchu Pressure plate, Competition type, 'Twin Plate' u/jew 'Petal Clutch' jistghu jintuzaw fil-vetturi kollha. Important li jigu rispettati ir regoli tas-safety.

3.2 Gearbox, Final Drive u Differential:- Ir-Ratios kollha ta' dawn huma Free li jintuzaw.:-

3.3 Il-Gearbox, Differential u l-Clutch Casing originali tal-maker tal-Blokka (Cylinder Block) jridu jintuzaw. Ez. Ma 'Blokka' BMW tista' tuza kull Kaxxa tal-Gearbox tal-BMW.

3.4 Gearijiet ghall Gearbox, Final Drive (Crown u Pinion) u Differential Gears ta' kwalinkwe manifattur jistghu jintuzaw. Dawn jistghu jkunu kemm Straight-Cut jew Helical type.

3.5 'Limited Slip Differential' ta' kwalinkwe tip u manifattur jista' jintuza.

3.6 Gearbox Automatic u/jew Variable Transmission u/jew Electronic Control tista' tintuza.

3.7 Kull vettura jrid ikollha Reverse Gear jahdem tajjeb.

3.8 Gear lever Quick Shift huwa permess. Il-Lever irid ikun bil-bocca (knob) habba s-Safety.

3.9 Differential:- Dan jista jigi llokjat u Limited Slip Differential (LSD) ta' kull kwalita jista' jintuza.

3.10 Dokumenti dwar dettalji (data) ta' Magni u l-vettura (partijiet jew shiha) mitluba mill-Ufficjal tal-ASMK iridu jkunu pprovduti mis-sewwieq tal-vettura. Jekk le, l-oggett in kwistjoni ma jinghatax Pass Test li jintuza.

3.11 Il-Kumitat tal-Autocross izomm id-dritt li jirrifjuta d-dokumenti kollha pprezentati lilu.

3.12.1 Propeller Shaft:- Minhabba is-safety, il-propshaft irid ikollu holqa tonda mad-dawra tieghu li tkun mahduma minn holqa tal-hadid ta' mhux inqas minn ¼" X 1" (6mm X 25mm).

3.12.2 Din il-holqa trid titwahhal mal-body tal-vettura f'madwar 6" (150mm) l-boghod mill-ewwel 'universal joint' ta' hdejn il-gearbox.

**Sezzjoni 4.**

**Silencer, Inlet u Exhaust System**

4.1 Inlet u Exhaust manifolds huma Free, iżda għandhom ikunu sikuri u jipprevjenu r-riskju tan-nar.

4.2 L-Inlet Manifold:- Kwalinkwe tip jew mudell ta' Inlet Manifold huwa permess. Dan jista jigi modifikat izda jrid ikun konformi mar-regoli tas-Safety.

4.3 Karburatur/i jew tal-EFI jistghu jigu mmodifikati.
Il-Petrol Pipes iridu jkunu specifications (kwalita) bhall tal-maker u bil-clips f'kull gonta.

4.4.1 It-Throttle lever mal-karburatur jew Throttle Body jrid ikollu Return Spring addizzjonali.

4.4.2 Vettura li jkollha l-Pedala tat-Throttle Elettronika fis-sistema EFI jrid ikollha ir-Return Spring mal-pedala.

4.5 Silencer: - Il-manifolds tal-exhaust (4 in 1, ecc) huma liberi li jintużaw sakemm jigu osservati ir-regola tas-Safety.

4.6 Il-pajp tal-exhaust trid tkun il bogħod mill-tyres, mit-tank tal-petrol, mil-batterija u għandu jgħaddi minn taħt il-body tal-vettura, ma jkunx dirett lejn l-art u ma jtajjarx it-trab ta' taht il-vettura.

4.7 Il-hoss tal-magna m'għandux jaqbeż l-Istandards fil-kundizzjonijiet stipulati mill ASMK.

4.8 Kull vettura jrid ikollha 'Silencer Box' (bott tas-silenser) effettiv biex ibaxxi l-ħoss tal-exhaust sa 84 dB jew inqas. Dan il-hoss jitkejjel bl-istrument tal-ASMK fuq direttivi specifici.

4.9 Il-hoss jigi mkejjel fuq direttivi specifici meta l-magna tkun qed iddur mhux inqas minn 75% ta' l-RPM ta' waqt il-kompetizzjoni jew 6000 RPM. Id-decizjoni f'idejn li Scrutineer.

4.10 Il-vettura tiġi rrifjutata tibda t-tigrija jekk is-sistema tal-exhaust u l-hoss ma jkunux fl-ispeċifikazzjonijiet imsemmija hawn fuq jew tkun taghmel hoss iktar minn normal.

4.11 Vettura ma titħalliex tibda t-tigrija jekk il-hoss tal-vettura jkun storbjuż anka minħabba t-telf jew hsara ta' xi parti mis-sistema għal kwalunkwe raġuni.

4.12 Exhaust System:- Dan irid ikum marbut tajjeb izda l-ebda parti tal-Exhaust System ma tista' tidhol fil-kompartiment tas-sewwieq.

**Sezzjoni 5.**

**Safety Generali u Partikolari**

5.1 **Main Switch**:- Il-vettura jrid ikollha Cut-off switch li verament jitfi l-magna, l-Ignition u l-pompa tal-Fuel u tal Fuel Injection skont il-kas.

5.1.2 Dan is-Switch irid ikun jintlehaq mis-sewwieq meta jkun f'posthu u marbut fis-seat bic-ċinturin tas-sigurta.

5.1.3 Dan irid ikun imdawwar b'kaxxa ta kulur Abjad, Isfar jew Ahmar. Ghamel kulur car fuq kulur iehor skur tal-vettura jew kulur skur fuq kulur car biex jigbed l-attenzjoni tal-marshals.

5.1.4 Dan irid ikun imwahhal fuq isfel ta' li xkaffa ta' quddiem il-windscreen.

5.2.1 **Ignition Switch**:- Dan għandu jkun immarkat b'mod ċar "On u Off" biex jigbed l-attenzjoni tal-marshalls.

5.2.2 Għandu jaqta l-Ignition, l- EFI u l-Pompa elettrika tal-fuel u jrid ikun jintlaħaq mis-sewwieq meta dan ikun bil-qiegħda u liebes bis-Seat Belt.

5.2.3 L-Ignition Switch, u l-elettriku tas-sistemi tal- 'Fuel Injection' għandhom ikunu ta' l-ogħla Standards tas-Safety

**Elettriku tal-Vettura**

5.3.1 Fanal fuq il-vettura Kulur Amber:-

5.3.2 **Fanal kulur Amber** (orange):- Dan il-fanal kulur Amber irid ikollu bozza ta' madwar 5 jew 6 Watts, ikun bir-reflector min gewwa, qies tond ta' mhux inqas min 50mm diametru jew rettangolari ta mhux inqas minn 50mm x 50mm

5.3.3 Irid ikun imwahhal fuq l-ixkaffa ta' wara jew mas-saqaf tal-vettura fli-spazju tal-windscreen. 5.3.4 Dan irid ikun jixghel il-hin kollhu bi Switch kull meta ir-Race Director jordna hekk.

5.4.1 **Red Light**:- Dawl minn fanal Ahmar ta' bejn 18 sa 21 Watts li jrid ikun jixghel mal-Foot Brake.Qies tal-Fanal. Jekk Tond :- mhux inqas minn 50mm diam. Jekk Kwadru :- 50mm x 50mm

5.4.2 Fanal iehor ta' kulur **ahmar** irid jehel fuq is-saqaf tal-vettura madwar 40cm il-quddiem mix-xifer tal-windscreen ta' wara tal-vettura. Iz-zewg fanali Homor iridu jixghelu flimkien mal- Brake.

5.5.1 **Elettronika:-** Rev Limitor, Electronic Ignition, Launch Control, ABS u Electric Power Steering (PAS) jistghu jintuzaw.

5.5.2 Elettronika b'affarijiet ohra mhux imsemija f'dan ir-regolament, staqsi lill li Scrutineer jew il- Kumitat Autocross biex tikkonferma li dak/dawk li qed titlob jistghu jintuzaw.

5.5.3 Din is-sistema elettronika tista' tinkludi sistema 'Launch Control'.

5.5.4 Oggetti ohra tal-Elettronika jistghu jintuzaw fil-vettura izda l-ASMK izzomm id-dritt li tara il- Manual/Data tal-oggett/i biex tista tiddeciedi u/jekk tridx tikkonferma l-uzu tal-oggett.

5.6 **Ignition**, Carburettor/s u sistemi tal-Fuel Injection jridu jkunu uzati bl-ghola Standards tas-Sigurta (Safety Standards)

5.7 Self-Starter: - Kull vettura jrid ikollha self-starter f'posthu u jkun jahdem tajjeb.

5.8 **Distributur**: - F'xi każijiet id-distributur jista' jiġi protett bl-użu ta' Pjanċa tal-hadid ta' ħxuna 3mm u bil-wisa' tal-distributur iżda li ma taqbiżx 150mm wiesgha.

5.9 **Fire Extinguisher**: - Cilindru ta Zewg (2) Kilo – jew zewg Cilindri ta 1 Kilo Dry Powder- għandu jintuża fis-Sistemi kollha EFI.

5.9.2 Dan għandu jkun jista 'jintlaħaq mis-sewwieq fil-pożizzjoni bil-qiegħda.

5.10 **Petrol Tank**: - Dan għandu jkun: -

5.10.1 Marbut fiċ-ċentru tal-bagoll (luggage booth) u viċin kemm jista' jkun lejn id-dahar tas-seat ta' wara. Dan irid ikun mhux inqas min 30cm il-gewwa mill-pjanca tan-number plate ta wara.

5.10.2 Ta' cilindrata mhux aktar minn 20 litru,

5.10.3 Ikollu l-pipe tal-Overflow jwassal sa taħt il-floorboard,

5.10.4 ikun marbut sod mal-art b'materjal Fire-proof (Cinturin, Bolts/Studs tal-hadid)

5.10.5 Ikollhu t-tapp jaghlaq tajjeb ħafna.

5.10.6 Tank tal-plastic oriġinali tal-vettura jista' jibqa fil-post originali taħt is-seat tal-passiġġieri ta' wara anka jekk fih l-pompa oriġinali elettrika tal-Fuel Injection.

5.10.7 It-tank tal-petrol ma jistgħax jitwaħħal mal-ġnub tal-vettura jew mar-Rollcage.

5.11 Petrol Pipes: - Il-flexible pipes tal-petrol għandhom ikunu ta' materjal approvat għall dan l-uzu. Pipes tar-ramm ma jistgħux jintużaw fis-sistema tal-fuel.

5.12.1 Petrol: - Petrol mibjugħ ghall vetturi tat-triq (saloon passenger cars) fil-Petrol Stations liċenzjati u awtorizzati jistgħa jintuża.

5.12.3 Dan irid ikun 'Unleaded'. Il-High Octane fuel fil-pompi kummercjali jista jintuza.

5.12.4 Racing Petrol u Racing additives ma jistghux jintuzaw izda Octane Booster huwa permess.

5.12.5 Dan jitkejel permezz ta Sample tal-Fuel u jitkejjel bl-isturment tal-ASMK. Rizultat tat-test ma jistax jaqbez b'iktar min 15 il-grad meta mqabbel ma fuel tal-pompi kummercjali fuq li sturment tal-ASMK.

5.12.6 Racing Fuel ta' 'kwalunkwe rata ta Octane' ma jistgħux jintużaw.

5.13. Addittivi tal-petrol kif mibjugħa fl-istazzjonijiet tal-petrol (ara 1.23.1) għall-karozzi normali tat-triq jista 'tintuża. (Ara Lista Miġbura)

5.14.1 **Radiator**: - Jekk mwaħħal fil-pożizzjoni oriġinali mal-faccata tal-vettura, ir-radiator jista' jiġi protett permezz ta' pipe tal-hadid ta' mhux iktar minn 32 mm dijametru estern u bill ħxuna tal-pipe ta' 2mm. Dan il-pajp għandu jkun imwahhal mal-Inner Panels (Left u Right) biss.

5.14.2 Jekk ir-radiator ikun imwaħħal ġewwa l-kompartiment tal-passiġġier m'għandux ikun qrib lejn is-sewwieq izda jista' jitwahhal biss fuq is-seat tal-passiġġieri ta' wara,

5.14.3 Il-Water Pipes iridu jkunu marbuta sod fil-baxx hafna u mghottija b'materjal 'heat and water resisting' it-tul kollu,

5.14.4 Quddiem il-pipes tal-ilma fir-radiator irid ikollu xibka tal-wire kaxxi kaxxi ta' 10mm x 10mm kwadri,

5.15.1 Il-pipes li jgorru l-ilma tar-Radiator jridu jiġu protetti it-tul kollu gewwa cover 'waterproof,

5.15.2 ma jfixklux fid-dhul u l-hrug tas-sewwieq

5.15.3 ma jfixklux fid-dhul u l-hrug tas-sewwieq

5.16 It Tapp tar-Radiator u tal-Expansion Tank tal-ilma f'din l-area jridu jkunu mgħottija sew b'cover kull wiehed b'mod sikur biex jeliminaw tixrid tal-mishun min dawn it-tappijiet,

5.17.1 Il-pajpijiet tal-ilma bejn radiator u l-magna jridu jkunu ta' materjal li jista' jirreżisti pressjonijiet ta' mhux anqas minn 1.5 Bar = (23 psi) u temperatura ta' 110 gradi Celsius.

5.17.2 Pajpijiet li jgħaddu mill-panels tal-body jridu jkunu marbuta mal-body, jagħddu minn ga grommets u jintuzaw Hose Clips addattati fuq kull ġonta, għal raġunijiet ta' sigurtà.

5.18.1 Radiator, hoses tal-lastiku tal-ilma u tal-fuel, il-batterija tip Sealed jistghu jehlu fil-kompartiment tas-sewwieq jekk ikunu mghottija b'cover kif miktub f'dan il-paragrafu.

5.18.2 Over-flow pipe tar-Radiator jew Expansion tank irid ikun jinfed taht il-floorboard tal-vettura.

5.19 **Firewall.** (Bejn il-magna u kompartiment tas-sewwieq): - toqob kollha f'dan il-Firewall għandhom ikunu ssiġillati b'materjal jew metall kontra n-nar.

5.20 Il Scrutineer jista' jaghti l-parir lill-Kumitat Autocross u dak Eżekuttivi biex jirrifjuta permess ta' parteċipazzjoni f'xi jew kull attivita jekk li scrutineer jiddeċiedi li s-sigurtà tas-sewwieq u / jew tal-vettura huma perikolużi jew li ma jikkonformawx mar-regoli u r-regolamenti tal-ASMK jew mhux skond ir-regolamenti tal-ġurnata.

**Sezzjoni 6.**

**Body tal-vettura u Rollcage:**

6.1 L-użu ta' materjal tal-Carbon Fibre ma jistax jintuza flok il-body panels tal-vettura izda huwa limitat ghall Clutch, valve/cam cover, Brake Pads u air-ducts biss.

6.2.1 Il-Body tal-Vettura jrid ikun f'kundizzjoni tajba u minn materjal tal-Manufacturer. Body / chassis bicca wahda, i.e. (unitary construction u/jew bis-sub-frames tal-fabbrika). Materjali mhux tal-maker tal-vettura ma jistghux jintuzaw. Uzu ta Kevlar, carbon fibre u fibre glass u aluminium mhux mill-manifattur fuq dak il-mudell huma ipprojbiti.

6.2.2 Il-body ma jistax jithaffef ghall ebda raguni.

6.3 Dashboard. Jekk din tkun parti integrali mill body u titnehha, il-Vettura jrid isirilha pipe mimdud imwahhal mas-saqajn tar-roll-cage flok id-dashboard li tkun tnehhiet. Dan il-pipe irid ikun ta' l-istess material tar-Rollcage.

6.4.1 **Tailgate.** Din trid tibqa fil-post originali. Tista tigi wweldjata. Dak il-body li jkollu it-tail-gate komposta mill-hgiega u parti metal, plastic jew fibreglass:- Meta din titnehha trid issir pjanca Gauge 20 (1 mm hxuna) mwahhla mill-livel t'isfel tal-hgiega l-isfel.

6.4.2 Jistghu jsiru toqob ghall ventilazzjoni tal-arja tar-radiator fil-faccata l-wieqfa (tailgate) biss.

6.5.1 **Bonnet** ta' quddiem u wara. Dawn irid ikollhom 'washers' kbar (50mm tondi / kwadri) qabel jehel is-Safety pin.

6.5.2 Jistghu jigu mmodifikati biss il-bonnet ta' quddiem, it-tailgate jew bieba tal-bagoll ta' wara, il-bieba tad-driver u dik tal-passiggier ta quddiem biss.

6.5.3 Jekk il-body jkun '4 door' il-biebien ta wara ma jistghux jithaffu imma jistghu jigu wweldjati.

6.5.3 Jekk jitnehha id-dashboard originali trid issir pipe ohra flok id-dashboard mill-istess materjal tar-rollcage (ara 3.1.2)

6.6.1 Il-bonnet's irid ikolhom pinnijiet jew xi hag'ohra biex jizguraw li dawn il-bonnets jibqghu mwahhlin mal-body tal vettura anki f'incident. Skorfini mhux permess jintuzaw flok pinnijiet.

6.6.2 **Bonnet pins:-** Kemm fuq il-bonnet ta quddiem u fuq dak ta' wara, il-Bonnet Pins iridu jkunu tal-hadid biss. Dawk tal-lastiku mhux permessi.

6.6.3 Bonnet Lock: Il-lock tal-bonnet irid jitnehha izda is-saftey catch tista' tibqa f'postha.

6.7.1 **'Stressed Panels'** ma jisghux jitnehhew jew isirilhom toqob biex jithaffef il-body. Jekk jitnehha materjal, is-sewwieq irid ipoggi lura pjanca ta' materjal bhall dik li tnehhiet jew G20/1mm hxuna. Dan japplika matul il-kampjonat kollhu.

6.7.2 Partijiet ohra tal-body ma jistghux jitheffu. Kemm il-darba li Scrutineer jara partijiet tal-body li gew imheffa, dan jordna li l-materjal imnehhi jigi mwahhal lura bi pjanci tal-hadid hxuna ta' 1mm.

6.8 **Bieba tas-sewwieq:**

6.8.1 Flok il-hgiega trid titwahhal xibka tal-hadid mhux akbar minn 1"x 1"x 1/16". (25x25x2.5mm)

6.8.2 Il-bieba tas-sewwieq ma tistax tkun tinfetah: din jew tkun iwweldjata mal A-Post u l-B Post jew tkun ibboltjata sew malbody principali tal-vettura.

6.9 Bieba tal-passigger: Din trid tigi baxxuta b'madwar 150mm (6") biex tohloq passagg ikbar biex jidhol jew johrog issewwieq.

6.10 Ix-xfar fil-pjanci jridu jitnehhew. Il-handle tal-biebien (pumi) jridu jitnehhew.

6.11 Bumpers: Bumpers tal-metall li ma jkunux parti mix-shape tal-body u l-brackets taghhom iridu jitnehhew.

6.12 Is-sewwieq jista' jinghata ordni biex issir xi haga alternattiva minnflok, minhabba is-safety.

6.13.1 Bumpers (tal-Plastic) jridu jitnehhew jew jiddajjef ir-rinforz taghhom u jsiru toqob biex jindikaw dan.

6.13.2 Il-Brackets ta' dawn ma jistghux jigu rinfurzati.

6.13.3 Dawk il-karozzi li ghandhom il-Bumpers tal-Plastic u fejn hemm diffikulta dwar is-safety bihom jew minajrom, irid ikollom l-approval mil-Kumitat Autocross biex ikunu jistghu jintuzaw.

6.14 Wheel arches ma jistghux jizdiedu. Dawn huma permessi biss (bl-istess qies u materjal) jekk kienu originali mill-manifattur tal-vettura fuq dak il-body.

6.15 Xfar tal-mudguards. Tista' twahhal virga tonda (6mm / ¼") mad-dawra tal-mudguard fuq in-naha ta' barra tal-mudguard. L-ebda xfar il-barra ma' huma permessi.

6.16 Hgieg:- Il-hgieg kollhu, inkluz tal-fanali jrid jitnehha.

6.17 Wiring: Wires zejda u bla uzu jridu jitnehhew. Dawk li jaghddu minn gal-body jridu jkunu protetti bi grommets tal-lastiku jew plastic.

6.18.1 Kull vettura jrid ikollha l-Mera ta' gewwa, fuq sieq breakable u ta' mhux inqas minn 150 x 50mm.

6.18.2 Huwa rakkomandat li kull vettura jkollha mera ohra in-naha tas-sewwieq fuq barra tal-vettura.

6.19 Wipers u l-pinnijiet tahhom u ohrajn iridu jitnehhew.

6.20 Windscreen. L-apertura tal-Windscreen fuq kull vettura trid ticcekken b'faxxa tal-metall ta' mardwar 150mm gholi. Din titwahhal in-naha ta' fuq tal-windscreen.

6.21.1 Ix-xfar ta din il-pjanca jridu jkunu protetti

6.21.2 Xfar madwar u minn gewwa tal-vettura kollha jridu jitnehhew.

6.22.1 Numru tal-Kompetizzjoni – Erba' (4) numri ma kull vettura:-

6.22.2 Fuq is-saqaf. Ikun 'Double Sided' ta mhux inqas minn 150mm gholi – Numru iswed fuq board abjad.

6.22.3 Fuq il-Bonnet ta quddiem in naha tax-Xellug - Numru iswed fuq board abjad qies 200mm.
6.22.4 Fuq il-bieba tas-sewwieq u fuq il-bieba l-baxxa - Numru iswed fuq board abjad qies 200mm.

6.23 Area tas-Sewwieq:- Din trid tkun maghluqa kontra n-nar li jista' jigi minn hdejn il-makna u tkun hielsa minn kull periklu iehor.

6.24.1 Inner panels u Flooeboards:- Dawn ma jistghux jigu modifikati. Jekk xi materjal jigu maqtuh, imnehhija u/jew modifikati b'xi mod, dawn irridu jigu mghotija b'cover li jghatti il-materjal li tnehha.

6.24.2 il-materjal uzat biex jitghatew l-Inner panel nieqsa jrid ikun metal tall-hadid, hxuna 1mm (G20) bla xfar u mwahhal sew (ez. Bil-viti, Welding, Self-tapping screws).

6.25 Holqa ta' l-irmonk:- Kull vettura jrid ikollha holqa ta' l-irmonk fuq quddiem. Din trid tkun taht il-body u tkun mhux anqas minn 2 pulzieri (50mm) diametru minn gewwa.

6.26 Towing Brackets il-barra mill-body tal-vettura jridu jitnehhew.

6.27.1 Hadid ghar-Rinforz:- L-ebda hadid ghar-rinforz jew xórt ohra, fil-faccati u l-gnub tal-vettura ma jista' jintuza jekk mhux bil-permess ta' li-Skrutineer.

6.27.2 Huwa permess li tipprotegi d-Distributor. Ara dettalji fis-sezzjoni partikolari.

6.28.1 Mudflaps: Dawn iridu jitwahhlu ma l-erba' (4) roti fuq Kull vettura RWD jew FWD.

Dawn iridu jkunu:-
6.28.2 mhux aktar minn 3 pulzieri (76mm) il fuq mill-art.
6.28.3 mhux aktar minn 12 il-pulzier (30cm) lura mit-tyre fid-Diametru orizzontali.
6.28.4 Jibqghu efficjenti waqt it-tigrija shiha.
6.28.5 Vettura b'mudflap nieqsa ma tithalliex tibda it-tigrija.

6.29 Protezzjoni tal-makna:- Il-vetturi jistghu jipprotegu: id-distributor biss jew xi partijiet ohra b'approvazzjoni ta' li Scrutineer u l-Kumitat Autocross.

6.30 Mudguards:- Tista tintuza virga tonda madwar kull wheel arch. Din il-virga ma tistax tkun ehxen minn ¼" (6mm), titwahhal fuq il-faccata ta' barra tal-mudguards, b'mod li tista' titkejjel.

**Sezzjoni 7.**

**Roll Cage:**
7.1.1 Trid tkun fuq sitt ponot u tkun padded hdejn ras is-sewwieq.

7.1.2 Trid tkun mahduma minn pipes tal-hadid ta' (32 mm) 1.25 ta' pulzier diametru u ta' (3 mm) 1/8 ta' pulzier hxuna.

7.1.3 Il-pipes irid ikollhom toqba ta' mhux anqas minn 5/16" (8mm), immarkata biz-zebgha cara, biex wiehed jista jara il-hxuna tal-pipes.
7.1.4 Il-pipes vertikali tar-Roll Cage ikunu qrib hafna tal-pilastri vertikali (A, B u C posts) tal-vettura.

7.2 Fejn hemm il-welding, (fil-gonot) irid ikun hemm zebgha bajda.
7.3 Saqajn tar-Roll Cage: It-truf tal-pajpijiet iridu jkunu iwweldjati ma pjanci mhux inqas minn 6 pulzieri kwadri, u ta' 1/8 ta' pulzier hxuna, u dawn iwweldjati max-chassis. Jew is-saqajn tal- pipes jigu wweldjati ma pjanci 6 pulzieri kwadri u 1/8" ta' pulzier hxuna u wara jigu marbuta ma' l-art u ma pjanca ohra minn taht il-qieh, (floorboard). Qies tal-bolts: 10mm diametru ta' kwalita 8.8 ISO jew 3/8''pulzier ta' kwalita minima "S".

7.4 Crossbar: Zewg pipes iridu jigi wweldjati mar-Roll Cage, fuq in-naha tal-bieba tax-xufier, wahda mimduda f'livell tas-seat (il-parti fejn toqghod bilqieda) u ohra 6 pulzieri 'l fuq.

**Sezzjoni 8.**

**Tyres:-**
8.1.1 Tyres bl- 'E' Mark jew minghajra jistghu jintuzaw. (Ara ir-regolamenti tal-klassi partikolari).

8.1.2 Tyres "Industrial", tal-Agrikoltura, Light Truck (LT) mhux permessi.

8.1.3 It-tyres ma' jistghux jigu ssingjati (hand cut). Strides, pins, ktajjen ecc., mhux permessi.

8.2 Wire wheels, Split rims, rims tal-hadid imwessa' mhux permessi.

8.3 Tyres ikbar minn 185mm ma jistghux jintuzaw, izda d-dijametru tar-rim huwa 'free'.

8.4 L-ebda tyre ma' jista' johrog 'il barra mill-body. Dan jitkejjel bli-steering dritt.

8.5 Jistghu jintuzaw mhux iktar minn 4 tyres godda f'kull kampjonat. F'kaz li tyre jinqasam jew jigrilu hsara u jkollu bzonn jinbidel ma iehor gdid, dan jista' jsir biss bl-approval mill-kumitat Autocross.

**Sezzjoni 9.**

Steering u Suspension.

9.1 Shock Absorbers:- (Dampers)
Jistghu jintuzaw sa zewg (2) dampers u molol fuq kull rota.

9.2.1 Kwalita u ebbusija tal-molol (Spring Rates) huma Free.

9.2.2 Molol tas-suspension jistghu jinbidlu ma' ohrajn ta' 'Spring Rate' differenti minn tal-maker.

9.3 Suspension Points:- Dawn iridu jibqghu fil-post originali fuq ix-chassis jew subframe.

9.4 Steering:- Ir-rota ta' li-steering trid tkun tonda u f'kundizzjoni tajba. Il-mekkanizmu ta' li-steering ma jridx ikollu laxk zejjed. Steering Wheel Glove u cover ma jistghux jintuzaw.

9.5 Power-Assisted steering originali fuq il-vettura mill maker jista jintuza.

9.6.1 Steering Quick Ratio huwa permess. Dan it-tip ta Steering Box irid jibqa fil-post originali tal-maker skond il-mudell tal-vettura.

9.6.2 Dan jista jkun Power-Assisted steering filwaqt li huwa Quick Ratio.

9.7 Steering Lock. Dan irid jitnehha jew ma jkun jkunx effettiv u lanqas jista jintuza bhala Ignition Switch.

**Sezzjoni 10.**

**BRAKES**

10.1 Pipes tal-Brakes: Dawn iridu jkunu jghaddu mill-post originali jew minn gewwa tal-karozza.

10.1.2 Il-pipes tal-lastiku (flexble pipes) iridu jkunu protetti bi 'stone guards'.

10.1.3 Il-pipes tal-hadid iridu jkunu marbuta sodi ma' l-art / suspension tal-vettura.

10.2 Brakes:-

10.2.1 Dawn iridu jkunu kapaci ghal lanqas jillokkjaw ir-roti ta' quddiem, inaqqas li speed tar-roti ta' wara, u jridu jkunu jahdmu b'sistema hydraulic.

10.2.2 'Adjustable controls' fuq il-brakes mis-sewwieq waqt is-sewqan ta' kwalinkwe natura mhux permessi.

10.3 Power Brake unit u Tandem Master cylinder huwa rakkomandat li jintuzaw.

10.4 Il-pedali tal-Brake u l-Clutch iridu jkunu mghottija b'materjal non-skid.

**Sezzjoni 11.**

**Safety tas-sewwieq**

11.1 Headrest: Irid ikun hemm ilquh addattat ghal wara ras is-sewwieq. Dan ghal fini ta' Safety.

11.2.1 Seat Belt: Marbut mal-vettura ta' lanqas fuq tliet ponot, jekk jista' jkun fuq 4 ponot.

11.2.2 Il-ponot kollha jridu jkunu marbuta sodi mal-vettura u fid-direzzjoni tal-gibda. Dawn jistghu jehlu fil-post originali tal-vettura, jew f'post iehor bil-bolts (7/16" / 11mm) u bil-washers (1/8" / 3mm plate, ta' 50mm kwadru jew tond).

11.2.3 Seat belts tar-rukkell, (re-tractable), mhux permessi.

11.3 Crash Helmet: Dan irid ikun full face, bil-visor, jinqafel sewwa u ta' kwalita tajba.

11.4 Ilbies tas-sewwieq: Hwejjeg tan-nylon, T-shirts jew shorts mhux permessi lanqas waqt tahrig u testing.

11.5 Kull sewwieq irid jilbes Driving Suit waqt il-kompetizzjoni.

11.6 Seat tas-Sewwieq: Dan irid ikun kwalita tajba, u marbut sod f'post wiehed ma' l-art. (not adjustable)

11.7 Is-Seat ta Driver fuq rails standard fuq il-vettura mhux accettati izda is-seat ghandu jkun marbut sod u ma jiccaqlaqx fl-ebda direzzjoni.

11.8.1 L-apertura tal-Windscreen irid ikollha pjanca (visor) man-naha ta fuq ta madwar 150mm bhala protezzjoni ghas-sewwieq.

11.8.2 Ix-xfar ta din il-pjanca (visor) iridu jkunu protetti jew imnehhija.

11.9 Ingwanti huma rakkomandati li jintuzaw specjalment fl-istagun xitwi.

**Sezzjoni 12.**

**Driver Gdid (1) TYRES**

12.1.1 Jekk jibda jikkompeti fl-ewwel 3 events tal-Kampjonat dan jista' juza sa 6 tyres biss godda tul l-ewwel kampjonat tieghu.

12.1.2 F'kas ta' hsara f'xi tyre min dawn is-6 tyres, dan ma jistax jinbidel tul li stagun (sa event No.15) hlief f'kazi specjali bl-approval mill-kumitat Autocross.

12.1.3 F'li stagun ta' wara dan id-driver jista juza 4 tyres godda biss kull kampjonat.
Driver Gdid (2)

12.2.1 Jekk driver jibda jikkompeti mir-raba (4) event il-quddiem dan jista' juza 4 tyres biss godda.

12.2.2 F'kas ta' hsara f'xi tyre minn dawn l-(4) tyres, dan jista' jinbidel biss ma iehor gdid bl-approval mill-kumitat Autocross.

12.2.3 F'li stagun ta' wara dan id-driver jista' juza sa 4 tyres godda biss kull kampjonat. Ara

12.3.1 Kull Kompetitur jista juza sa **4 tyres biss** tul l-istagun kollu.

12.3.2. Kull sewwieq ghandu javza lil l-Ufficjal inkarigat mill-Kumitat Autocross biex it-tyres li se jintuzaw tul l-istagun jigu immarkati.

12.4 L-Assocjazzjoni tista' taghmel arrangamenti ma kumpanija u/jew Importatur tat-tyres u tordna biex it-tyres kollha jinxtraw minghand l-Assocjazzjoni.

12.5 Outlet min fejn tixtri t-tyres jista' jkun mill-ASMK jew outlet approvat mill-ASMK.

12.6 L-ASMK izzomm id-dritt li tordna lill kompetituri kollha juzaw l-istess (Brand Name Tyres).

**OHRAJN**

13.1 Dokumenti, Detaliji Teknici u evidenza fuq Magna, Body u oggetti ohra li mhux fil-lista tal-ASMK iridu jigu pprovduti mis-sewwieq kull meta dawn jigu mitluba mill-ASMK.

13.1.2 Il-Kumitat Autocross izomm id-dritt li jirrifjuta dak li jkun prezentat.

13.2.1 Magna trid tkun issigillata mill Ufficjali nkarigat mill-Kumitat Autocross.

13.2.2 Is-sigilli jistghu jigu spezzjonati kull meta il-Kumitat Autocross ihoss il-bzonn li jaghmel dan.

13.2.3 Min jirrifjuta li ssir l-inspection jigi penalizzat numru ta Tigrijiet.